**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Gunju 2023**

Rikors Numru: 248/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 349/2004)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

I. ILLI l-kontendenti zzewwgu nhar it-18 t'April 2004 - skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala DOK: A - u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, u

cjoe E D li twieled nhar is-6 t'Ottubru 2005, u F D li twieled nhar l-24 t'Ottubru 2007;

II. ILLI permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono tat-30 ta' Mejju 2016 - li kopja legali tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK: B il-kontendenti sseparaw legalment taht il- pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;

III. ILLI l-kontendenti ilhom ma jghixux flimkien sa minn qabel l-imsemmija data tat-30 ta' Mejju 2016, u ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;

IV. ILLI l-intimat minn dejjem hallas il-manteniment kollu li kien dovut minnu, skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-istess msemmi kuntratt, b'mod regolari u puntwaliu ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni pendenti f'dan ir- rigward bejn il-kontendenti;

V. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet taMalta) huma sodisfatti, u in vista tal-fatt illi l- kontendenti huma gja' separati permezz tal-kuntratt taseparazzjoni hawn fuq imsemmi, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

I. TIPPRONUNZJA, a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-hall taz-zwieg tat-18 t'April 2004 ta' bejn il-kontendenti ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

II. TORDNA, a tenur tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), lir-Registratur tal-Qorti sabiex, f'dak iz-zmien li joghgobha tiffissa din il-Qorti ghal dan l-iskop, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Mejju 2023;

Semgħet lill-intimat prezenti fl-awla u debitament notifikat, fuq domanda tal-Qorti jwieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Mejju 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.